**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 181543** **09.07.2018**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

***Glenn Bedingfied jipparteċipa fil-Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC***

Glenn Bedingfield MP, Membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, ipparteċipa fil-Laqgħa tal-Presidenti tal-Kumitati Parlamentari tal-Unjoni Ewropea dwar l-Affarijiet Ewropej (COSAC) li nżammet fi Vjenna bħala parti mil-laqgħat interparlamentari tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bit-tema 'Ewropa li tipproteġi'. Din il-laqgħa tiġi organizzata f'kull presidenza bi preparazzjoni għal-laqgħa plenarja ta' COSAC.

F'din il-laqgħa kienu diskussi żewġ temi prinċipali: il-prijoritajiet tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill, u l-futur tal-Unjoni Ewropea. Fis-sessjoni dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Awstrijaka, Bedingfield tkellem dwar l-immigrazzjoni illegali.

Hu qal li l-ebda pajjiż Ewropew m'għandu jħossu abbandunat fuq l-ebda kwistjoni. Huwa argumenta li l-Unjoni Ewropea hija għaqda ta' pajjiżi li jippromwovu l-paċi, it-tolleranza u s-solidarjetà, u li għandu jkun l-istess prinċipju ta' solidarjetà li jiggwida lill-istati membri biex jaħdmu flimkien fuq kwistjonijiet li jfiġġu.

Huwa żied jgħid illi Malta u l-ġirien tagħha ma jistgħux jerfgħu l-piż tal-problema waħedhom. Ir-regoli ta' Dublin mhumiex ġusti għaliex iħallu pajjiżi bħal Malta jaffaċċjaw il-problema tal-immigrazzjoni waħedhom, u wrew li l-Ewropa tfalli meta tkun iffaċjata bi krizi bħalma qed taffaċċja bħalissa.

Bedingfield ikkonkluda billi qal li s-solidarjetà għandha tintwera bil-fatti mhux b'dikjarazzjonijiet fuq il-karta u ħeġġeġ lill-Presidenza Awstrijaka biex tagħmel pressjoni fuq il-gvernijiet Ewropej sabiex iħarsu lejn il-problema tal-immigrazzjoni illegali b'moħħ miftuħ ħalli jittieħdu l-azzjonijiet kollha li hemm bżonn jittieħdu, b'rispett sħiħ lejn il-liġijiet internazzjonali kif qed jagħmel il-gvern Malti, li bħalissa jinsab affaċċjat minn sitwazzjoni bla preċedent li tirrikjedi deċiżjonijiet li jirriflettu s-sitwazzjoni kif qiegħda tiżviluppa.

**Attachments: none** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**